MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 243/1991/1

**Anthony Gauci bhala prokuratur tal-imsiefer Paul Gauci u b'nota tal-20 ta' Mejju 1991 l-istess Paul Gauci assuma l-atti tal-kawza**

**vs**

**Michael John Mallia u Luke Miceli ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` L. Farrugia & Sons Ltd; Victor Peralta fil-kwalita` tieghu bhala mandatarju tal-assenti George Peralta u b'noti tal-5 ta' April 1993 rispettivament Edward Cassar Torregiani u Dr. Louis Bianchi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Whitewood Limited assumew l-atti tal-kawza minflok Victor Peralta bhala mandatarju tal-assenti George Peralta; Dr. Ramon Rossignaud LL.D.; Veronica Rossignaud; Marguerite Mercieca; Josephine Terreni; Rita Ferro; Mary Degiorgio; John Mattei; Marian Gatt; Astrid Xuereb; Diane Toledo; Sandra Zarb Mizzi; Blanche Refalo; L-Onorevoli Segretarju Parlamentri L-Avukat Dottor Michael Refalo LL.D., M.P., Patricia**

**Mercieca; Hugh Mercieca; Cecilia Camilleri; u Peter Camilleri**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 30 ta’ Mejju 1991 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi b’konvenju ta’ l-ewwel (1) ta’ Awissu, tas-sena elf disa’ mija u disghajn (1990) il-konvenuti flimkien u *in solidum* bejniethom ippromettew u obbligaw ruhhom li jassenjaw u jittrasferixxu b’titolu ta’ enfitewsi perpetwa lill-istanti li accetta u obbliga ruhu li jakkwista bl-istess titolu ta’ enfitewsi perpetwa l-art maghrufa “Tal-Propostu”, numru disgha (9) fi sqaq l-Ibragg, fil-limiti ta’ Birkirkara tal-kejl circa erbghajn (40) tomna, ekwivalenti ghall-44,965 m.k., tmiss mit-tramuntana in parti ma’ sqaq u in parti ma’ proprjeta tal-familja Micallef (or assigness), u mil-lvant u minn nofs inhar mat-triq, bid-drittijiet u l-pertinenzi taghha kollha, libera u franka minn pizijiet u servitujiet, versu c-cens annwu u perpetwu ta’ ghaxart elef mitejn u hamsin lira Maltija (Lm10,250) u bil-prezz ta’ ghoxirin elf lira Maltija (Lm 20,000) ghal darba wahda biss, li hamest elef lira (Lm5,000) minnhom kellhom jithallsu in akkont fi zmien jumejn, u l-bilanc ta’ hmistax il-elf lira Maltija (Lm15,000) fuq l-att finali, u bil-pattijiet u kundizzjonijiet l-ohra stipulati fl-istess konvenju li kopja tieghu hija hawn unita u markata Dok. “A”;

Illi l-konvenuti Michael John Mallia *et nomine* u Victor Peralta *nomine* ma accettawx sehemhom mid-depozitu li l-istanti kellu jeffewttwa lilhom skond l-istess konvenju, u ghaldaqstant huwa ghadda biex jiddepozita l-istess sehemijiet kif jidher mic-cedoli ta’ depozitu numri 88/90 u 964/90 hawn uniti w markati Dok. “B” u “C” rispettivament;

Illi l-imsemmi konvenju kellu validita ghal zmien sitt (6) xhur li kellhom jibdew jiddekorru minn meta l-konvenuti kollha jkunu ffirmaw l-istess konvenju;

Illi, l-ahhar mill-konvenuti ffirmaw l-istess konvenju fis-sittax (16) ta’ Awissu, 1990;

Illi wara li l-konvenuti kollha gew interpellati biex jaddivjenu ghall-publikazzjoni tal-kuntratt notarili relattivi u dana permezz ta’ ittra ufficjali tal-11 ta’ Jannar, 1991, li kopja taghha tinsab hawn annessa u markata Dok. “D”, kienu l-konvenuti Michael John Mallia *et* nomine u Victor Peralta *nomine* biss li rrifjutaw li jersqu fuq l-att notarili opportun kif mitlub mill-istess istanti;

Illi l-istess attur talab sabiex il-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tikkundannhom biex jersqu ghall-publikazzjoni tal-att ta’ koncessjoni in enfitewsi perpetwa tal-art maghrufa “Tal-Propostu”, numru 9 fi sqaq l-Ibragg, fil-limit ta’ Birkirkara, tal-Kejl circa 40 tomna ekwivalenti ghall-44,965 m.k., u kif ahjar deskritta fil-konvenju ta’ l-1 ta’ Awissu, 1990 (Dok. “A”) u dana bil-pattijiet u kundizzjonijiet kollha ndikati fl-istess konvenju msemmi;

2. Tiffissa l-jum, hin u lok ghall-publikazzjoni tal-istess kuntratt notarili, tahtar Nutar Pubbliku biex jippublika l-kuntratt notarili relattiv u tinnomina kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-att;

Bl-ispejjez komprizi dawk taz-zewg ittri ufficjali tal-11 ta’ Jannar, 1991 kontra l-konvenut li huma minn issa ngunti biex jidhru personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attur u l-lista tax-xhieda a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti nkluz il-konvenju relattiv datat l-1 ta’ Awissu 1990; ic-cedola ta’ depositu datata 8 ta’ Ottubru 1990 u l-ohra datata 11 ta’ Ottubru 1990 u kopja ta’ l-ittra ufficjali datata 11 ta’ Jannar 1991 esebiti bhala Dok. “A” sa “D” rispettivament.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-kompjant l-Onorevoli Imhallef Carmelo Scicluna fis-17 ta' April 1991 ghall-20 ta' Mejju 1991.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti John Mattei; Marian Gatt; Astrid Xuereb; Diane Toledo u Sandra Zarb Mizzi, (E) datata 8 ta' Mejju 1991, a fol. 20, fejn ecceppew:

1. Illi, huma dejjem kienu propensi jersqu ghall-kuntratt *a tenur* tal-iskritturi tal-1 ta' Awissu u tad-9 ta' Awissu 1990 rispettivament;

2. Illi huma ma ghandhomx ibaghtu l-ebda spejjez;

3. Illi salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti John Mattei; Marian Gatt; Astrid Xuereb; Diane Toledo u Sandra Zarb Mizzi u l-lista tax-xhieda a fol. 20 u fol 21 tal-process.

Rat l-iskrittura privata datata 9 ta' Awissu 1990 immarkata bhala Dok. "A" a fol. 22 tal-process bejn l-istess eccipjenti John Mattei *nomine* u Anthony Gauci *nomine.*

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-Onorevoli Segretarju Parlamentari Dottor Michael Refalo, LL.D., il-mara tieghu Blanche', Hugh Mercieca u l-mara tieghu Patricia, Peter Camilleri u l-mara tieghu Cecilia, datata 10 ta' Mejju 1991, a fol. 24, fejn ecceppew:-

1. Illi kif jirrizulta mill-premess tac-citazzjoni stess, l-esponenti kienu u ghadhom lesti li jaddevjenu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt imsemmi u ghaldaqstant fil-konfront taghhom ic-citazzjoni hija ntempestiva u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, ghall-istess ragunijiet imsemmija fl-eccezzjoni precedenti, l-esponenti m'ghandhom fi kwalunkwe kaz ibaghtu l-ebda spejjez f'din il-kawza;

3. Illi salv’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti l-Onorevoli Segretarju Parlamentari Dottor Michael Refalo, LL.D., il-mara tieghu Blanche, Hugh Mercieca u l-mara tieghu Patricia, Peter Camilleri u l-mara tieghu Cecilia, u l-lista tax-xhieda a fol. 24 u fol 25 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Victor Peralta *nomine* (B) datata 13 ta’ Mejju 1991, a fol 26, fejn ecceppixxa:-

1. Illi s-socjeta’ konvenuta m’ hijiex rappresentata tajjeb, u l-ittra ufficjali li saret kontra taghha saret hazina u ghalhekk il-konvenju, li hu ndivizibili skada;

2. Ill il-pagament lil dik is-socjeta’ ma sarx fit-terminu stipulat u ghalhekk il-konvenju baqa’ ineffettiv;

3. Illi fi kwalunkwe kaz, ic-citazzjoni ma saritx fit-terminu stipulat mill-ligi kontra l-vendituri kollha, u l-obbligazzjoni tal-vendituri hi ndivizibili;

4. Illi fil-meritu, l-attur *ad insaputa* u *a skapitu* tal-esponent, dahal fi ftehim privat ma xi whud mill-vendituri u ghalhekk, bl-agir tieghu frawdolenti waqa’ l-konvenju;

5. Illi salv’eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Victor Peralta *nomine* u l-lista tax-xhieda a fol. 27 u 28 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Michael J. Mallia *et nomine*, (A) datata 13 ta’ Mejju 1991, a fol. 29, fejn ecceppixa:-

1. Illi s-socjeta’ konvenuta m’ hijiex rappresentata skond l-Istatut taghha: Anthony Miceli Farrugia ilu mill-1984 li m’ghadux direttur, u l-konvenut Mallia wahdu m’ghandux ir-rappresentanza tas-socjeta’;

2. Illi l-konvenju fil-konfront tas-socjeta' konvenuta ma baqghax effettiv ghal diversi ragunijiet, fosthom dik tan-nuqqas tal-pagament stipulat fil-klawzola 1 fit-terminu prefiss lill-kompratur, u dik li ittra ufficjali tal-11 ta' Jannar 1991 ma saritx kontra s-socjeta' kif messha saret;

3. Illi fi kwalunkwe kaz ic-citazzjoni ma saritx fit-terminu stipulat mill-ligi kontra l-vendituri kollha u l-obbligazzjoni tal-vendituri hi ndivizibilli;

4. Illi fil-meritu, l-attur, wara dahar u *a skapitu* tas-socjeta' eccipjenti ftiehem ma' xi whud mill-konvenuti prezz u kondizzjonijiet differenti minn dawk imsemmijin fil-konvenju, liema ftehim jezonera lis-socjeta' milli taddivjeni ghall-kuntratt: *fraus omnia corrumpit;*

5. Illi salv' eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Michael J. Mallia *et nomine* u l-lista tax-xhieda a fol. 30 u 31 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Marguerite Mercieca, Josephine Terreni, Rita Ferro u Mary Degiorgio datata 16 ta' Mejju 1991, a fol. 34, fejn ecceppew:-

1. Illi huma qatt ma kellhom, u ma ghandhomx, oggezzjoni li jaddivienu ghall-kuntratt kif mitlub.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Marguerite Mercieca, Josephine Terreni, Rita Ferro u Mary Degiorgio a fol 34 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-Avukat Dottor Ramon Rossignaud u martu l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud (C) datata 11 ta' Gunju 1991, a fol. 36, fejn ecceppew:-

1. Illi kif jirrizulta mill-premessi tac-citazzjoni, l-eccipjenti ma rrifjutawx li jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni tal-att skond il-ftehim ta' bejniethom;

2. Illi, ghalhekk ma ghandhomx ibaghtu spejjez ta’ dawn il-proceduri;

3. Illi salvi dejjem eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti l-Avukat Dottor Ramon Rossignaud u martu l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud u l-lista tax-xhieda a fol. 36 tal-process.

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Carmelo Scicluna datat 20 ta’ Mejju 1991, fejn id-difensuri tal-attur taw ruhhom notifikati bl-appuntament tal-kawza u giet prezentati nota ta’ assunzjoni tal-atti ta’ l-attur Paul Gauci.

Rat in-nota ta’ Paul Gauci datata 20 ta’ Mejju 1991, a fol 38.

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti diversament presjeduta datat 6 ta’ Novembru 1991 u dak ta’ l-4 ta’ Frar 1992 fejn Dr. Henry Antoncich ghall-attur, talab il-korrezzjoni tac-citazzjoni fis-sens illi fl-okkju tal-kawza u kull fejn jirrikorri l-kunjom “Mercieca” fir-rigward tal-konvenuta Cecilia jigi sostitwit bil-kunjom “Camilleri”. Rat id-digriet tal-Qorti fejn giet milqugha t-talba u giet ordnata l-korrezzjoni rikjesta.

Rat in-nota tal-attur Paul Gauci, datata 4 ta’ Frar 1992, a fol. 42 tal-process fejn gie esebit id-dokument Dok. “FG 1” mir-Registrar of Patnerships datat fejn gie indikat li Anthony Miceli Farrugia ma kienx baqa’ direttur ta’ l-istess socjeta’ L. Farrugia and Sons Ltd. mill-10 ta’ Frar 1984.

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti diversament presjeduta datat 8 ta’ April 1992 fejn l-konvenuti taw ruhhom notifikati bic-citazzjoni attrici kif korretta u bl-avviz tas-smiegh kollox bil-mod hemm indikat.

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 11 ta’ Gunju 1992, a fol 46, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tordna li l-gudizzju jigi trasfuz fil-persuna ta’ Luke Miceli ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ “L. Farrugia & Sons Limited” minflok dak ta’ Anthony Miceli Farrugia li ma ghadux

direttur ta’ l-istess socjeta’, u dana sabiex flimkien mal-konvenut l-iehor Michael John Mallia jirrapprezentaw lis-socjeta’ “L. Farrugia & Sons Limited”.

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti diversament presjeduta datat 17 ta’ Gunju 1992, fejn id-difensuri tal-attur talbu korrezzjoni fir-rikors taghhom tal-11 ta’ Gunju 1992, fis-sens illi l-isem tar-rikorrent jigi korrett u sostitwit bil-kliem Paul Gauci. Il-Qorti laqghat it-talba w ordnat il-korrezzjoni fl-istess rikors fis-sens mitlub. Id-difensuri tal-attur iddikjaraw illi minn ricerka li huma ghamlu rrizultalhom illi Luke Miceli huwa direttur tas-socjeta’ “L. Farrugia & Sons Ltd.” Id-difensuri tal-attur talbu lill-Qorti biex ma tipprovdix fuq ir-rikors taghhom peress illi jridu jaghmlu verifika ulterjuri.

Rat in-nota ta’ Anthony Gauci *nomine* datata 30 ta’ Settembru 1992, a fol. 50 tal-process fejn esebixxa l-Memorandum and Articles of Association ta’ l-istess socjeta’ L. Farrugia & Sons Ltd. (C – 520).

Rat ir-rikors tal-konvenut Michael Mallia noe, datat 8 ta’ Ottubru 1992, a fol. 88, fejn talab differiment tal-kawza.

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti diversament presjeduta datat 14 ta’ Ottubru 1992, fejn Dr. Henry Antoncich ghall-atturi ddikjara li mid-dokumenti esebiti b’nota tat-30 ta’ Settembru 1992 jirrizulta illi Luke Miceli huwa effettivament direttur tas-socjeta’ “L. Farrugia & Sons Ltd.” u skond l-istess *Articles of Association* ghandu r-rapprezentanza legali tal-istess socjeta’ billi skond ir-risoluzzjoni li kopja taghha tinsab esebita a fol. 65 *“any two of the directors shall represent the company in Judicial proceedings”.* Dr. Henry Antoncich irrileva illi r-rikorrenti l-iehor Michael John Mallia huwa wkoll direttur tas-socjeta’ imsemmija kif jirrizulta a fol. 57 tal-process u ghalhekk it-talba tieghu hija gustifikata. Il-Qorti rrilevat illi mill-kopja tar-risoluzzjoni (a fol. 65) ma jirrizultax illi *“any two of the directors shall represent the company in Judicial proceedings”.* Dr. Antoncich talab aktar zmien biex ikun jista’ jivverifika. Ghalhekk il-Qorti rriservat li

tipprovdi dwar ir-rikors ta’ Paul Gauci *nomine* pprezentat fil-11 ta’ Gunju, 1992 fi stadju ulterjuri.

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti diversament presjeduta datat 13 ta’ Jannar 1993, fejn Dr. Henry Antoncich talab differiment biex jirregola ruhu dwar il-legittimazzjoni tal-atti.

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti diversament presjeduta datat 22 ta’ Frar 1993, fejn xehed bil-gurament il-konvenut Michael John Mallia. Il-Qorti pprovdiet fuq ir-rikors tal-attur billi ssostitwit lil Anthony Miceli Farrugia bil-persuna ta’ Luke Miceli biex jirrapprezenta flimkien mal-konvenut Michael John Mallia s-socjeta’ konvenuta “L. Farrugia & Sons Ltd” u tordna l-korrezzjoni tac-citazzjoni u tal-atti kollha fil-kawza billi tordna illi l-isem Anthony Miceli Farrugia kull fejn jirrikorri jigi sostitwit bl-isem Luke Miceli. (fol. 94).

Rat ix-xhieda tal-konvenut Michael John Mallia minn fol. 95 sa fol. 96.

Rat in-nota tal-konvenuti John Mattei, Marian Gatt, Astrid Xuereb, Diane Toledo u Sandra Zarb Mizzi datata 29 ta’ Marzu 1993, a fol. 97 tal-process li biha taw ruhhom notifikati bic-citazzjoni kif korretta.

Rat in-nota tal-konvenuti l-Avukat Dottor Ramon Rossignaud u martu l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud datata 29 ta’ Marzu 1993, a fol. 98 tal-process li biha taw ruhhom notifikati bic-citazzjoni kif korretta.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Michael John Mallia *et nomine*, datata 1 ta’ April 1993, a fol 100, fejn eccepixxa:

1. Illi qabel xejn huma jirrikjedu l-prova tal-prokura rilaxxata minn Paul Gauci u tad-data tas-safar tieghu;

2. Illi s-socjeta’ konvenuta m’ hijiex rappresentata skond l-istatut taghha: Anthony Miceli Farrugia ilu mill-

1984 li ma ghadux direttur, u l-konvenut Mallia wahdu ma ghandux ir-rappresentanza tas-socjeta’;

3. Ill l-konvenju, fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta ma baqghax effettiv ghal diversi ragunijiet, fosthom dik tan-nuqqas tal-pagament stipulat fil-klawzola 1 fit-terminu prefiss lill-kompratur, u dik li ittra ufficjali tal-11 ta’ Jannar 1991 ma saritx kontra s-socjeta’ kif messha saret;

4. Illi, fi kwalunkwe kaz, ic-citazzjoni ma saritx fit-terminu stipulat mill-ligi kontra l-vendituri kollha u l-obbligazzjoni tal-vendituri hi ndivizibili;

5. Ill fil-meritu, l-attur, wara dahar u *a skapitu* tas-socjeta’ eccipjenti, ftiehem ma’ xi whud mill-konvenuti prezz u kondizzjonijiet differenti minn dawk imsemmijin fil-konvenju, liema ftehim jezonera lis-socjeta’ milli taddivjeni ghall-kuntratt: *fraus omnia corrumpit;*

6. Illi salv’ eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Michael J. Mallia *et nomine* u l-lista tax-xhieda a fol. 101 u fol. 102 tal-process.

Rat in-nota ta’ Edward Cassar Torreggini datata 5 ta’ April 1993, a fol 103, li permezz taghha assuma l-atti tal-kawza ghal interess li qabel kellu Victor Peralta bhala mandatarju tal-assenti George Peralta u dana billi huwa akkwista minghand l-insemmi George Peralta nofs il-kwota tieghu permezz ta’ Att fl-atti tan-Nutar Marthese Felice.

Rat in-nota ta’ Dottor Louis Bianchi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ “Whitewood Ltd.” datata 5 ta’ April 1993, a fol 104, li permezz taghha assuma l-atti tal-kawza ghal interess li qabel kellu Victor Peralta bhala mandatarju tal-assenti George Peralta u dana billi huwa akkwista minghand l-insemmi George Peralta nofs il-kwota tieghu permezz ta’ Att fl-atti tan-Nutar Marthese Felice.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Dottor Louis Binachi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' "Whitewood Ltd." li assuma l-atti minflokk Victor Peralta nominee, datata 5 ta' April 1993, a fol 106, fejn ecepixxa:-

1. Illi fl-ewwel lok l-attur irrid jipproduci l-prova tal-prokura li hawa ghandu minghand Paul Gauci kif wkoll id-dati tas-safar tal-istess Paul Gauci;

2. Illi fit-tieni lok li l-ittra ufficjali li saret kontra s-socjeta' konvenuta saret hazina u ghalhekk il-konvenju, li huwa ndivizibili skada;

3. Illi l-pagament lis-socjeta' konvenuta ma sarx fit-terminu stipulat u ghalhekk il-konvenju baqa' ineffettiv;

4. Illi c-citazzjoni ma saritx fit-termini stipulati mill-ligi kontra l-vendituri kollha u l-obbligazzjoni tal-vendituri hija ndivizibili;

5. Illi fil-meritu l-attur *ad insaputa* u *a skapitu* tal-esponent, dahal fi ftehim privat ma xi whud mill-vendituri u ghalhekk bl-agir tieghu frawdolenti waqqa l-konvenju;

6. Illi salv' eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Dottor Louis Bianchi *nomine* u l-lista tax-xhieda a fol. 106 u fol. 107.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Edward Cassar Torreggiani li assuma l-atti minflok Victor Peralta *nomine*, datata 5 ta' April 1993 a fol 109, fejn eccepixxa:-

1. Ill fl-ewwel lok l-attur irrid jipproduci l-prova tal-prokura li hawa ghandu minghand Paul Gauci kif wkoll id-dati tas-safar tal-istess Paul Gauci;

2. Illi fit-tieni lok li l-ittra ufficjali li saret kontra s-socjeta' konvenuta saret hazina u ghalhekk il-konvenju, li huwa ndivizibili skada;

3. Illi l-pagament lis-socjeta' konvenuta ma sarx fit-terminu stipulat u ghalhekk il-konvenju baqa' ineffettiv;

4. Illi c-citazzjoni ma saritx fit-termini stipulati mill-ligi kontra l-vendituri kollha u l-obbligazzjoni tal-vendituri hija ndivizibili;

5. Illi fil-meritu l-attur *ad insaputa* u *a skapitu* tal-esponent, dahal fi ftehim privat ma xi whud mill-vendituri u ghalhekk bl-agir tieghu frawdolenti waqqa l-konvenju;

6. Illi salv' eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Edward Cassar Torregiani u l-lista tax-xhieda a fol 109 u fol 110.

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti diversament presjeduta datat 5 ta' Mejju 1993, fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut Dr. Louis Bianchi *nomine* sabiex jipprezenta kopja tal-att li bih akkwista minghand George Peralta.

Rat in-nota tal-konvenuti Marguerite Mercieca, Josephine Terreni, Rita Ferro u Mary Degiorgio datata 4 ta' Gunju 1993, a fol. 113 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenut Dottor Louis Bianchi ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta "Whitewood Ltd." li permezz taghha esebixxa kopja ta' l-Att li jinsab fl-atti tan-Nutar Marthese Felice datat 7 ta' Ottubru 1991 (fol. 117) li permezz tieghu l-Avukat Dottor Louis Bianchi nomine u Edward Cassar Torregiani akkwistaw in nofs (1/2) indiviz ta' tlett parti minn erbatax (3/14) tal-artijiet "Tal-Propositu" immarkat bhala Dok. "WW1" u kopj ata' Cedola ta' Depositu u fidi ta' cebs bhala Dok. "WW2". (fol. 115).

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti diversament presjeduta datat 19 ta' Gunju 1993 fejn Dr. Louis Bianchi insista ghall-produzzjoni tal-prokura ta' l-attur.

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti diversament presjeduta datat 5 ta' Novembru 1993, fejn Dr. Louis Bianchi ikkjarifika illi meta huwa fl-udjenza tat-18 ta' Gunju 1993

insista ghall-produzzjoni tal-prokura huwa kien qieghed jinsisti illi jigi ppruvat mill-attur illi kien ta mandat lil Anthony Gauci biex jistitwixxi din il-kawza. Id-difensuri tal-attur iddikjaraw ruhhom pronti li jaghmlu din il-prova. Paul Gauci ta x-xhieda tieghu minn jeddu. Id-difensuri tal-atturipprezentaw nota b'kopja ta' parti mill-passaport tal-attur li jinsabu mmarkati bhala Dok. "XX". Id-difensuri tal-attur jirrilevaw dwar il-provi ulterjuri li ridu jgibu l-konvenuti li l-eccezzjoni tan-nuqqas tal-prokura hija wahda personali ghall-attur u li la darba dan ikkonferma bil-gurament tieghu l-ghoti ta' din il-prokura ma hemmx lok ghall-indagni ulterjuri mill-Qorti dwar din il-kwistjoni anke' billi l-affermazzjoni tal-attur bil-gurament tieghu ta' dak il-mandat hija l-ahjar prova taghha. Xehed ukoll, bil-gurament in-**Nutar Mario Rosario Bonello**, li kien prodott mill-atturi.

Rat ix-xhieda tal-**attur Paul Gauci** datata 5 ta' Novembru 1993 minn fol. 127 sa fol. 128.

Rat ix-xhieda tan-**Nutar Mario Rosario Bonello** a fol. 129 tal-process.

Rat in-nota tal-attur Paul Gauci datata 5 ta' Novembru 1993 a fol. 130.

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri datat l-1 ta' Dicembru 1993, fejn xehed in-**Nutar Mario Rosario Bonello** (fol.134 – 139) u c-cekk esebiet minnu bhala Dok. "FGC 6" a fol. 140 tal-process.

Rat il-verbali datati 25 ta' Frar 1994 u 3 ta' Gunju 1994 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn fl-ahhar seduta xehed in kontro-ezami n-**Nutar Mario Rosario Bonello.**

Rat ix-xhieda tan-Nutar Mario Rosario Bonello a fol. 143 sa fol. 149 tal-process fejn esebixxa vera kopja tal-konvenju bhala Dok. "FGC 4" ittra bhala Dok. "FGC 5" mibghuta mill-konvenut Michael Mallia datata 6 ta' Settembru 1990 u ohra datata 20 ta' Settembru 1990

minn Nutar Mario Rosario Bonello lin-Nutar Pierre Cassar (fol. 161) u *bank draft* datata 29 ta’ Awissu 1990 bhala Dok. “FGC 6” a fol. 162 tal-process.

Rat ir-rikors tal-Avukat Albert Grech, datat 6 ta’ Dicembru 1994, a fol. 165, fejn talab lil din il-Qorti biex takkordalu differiment.

Rat ir-rikors tal-konvenuti Michael Mallia *et nomine,* datat 2 ta’ Dicembru 1994, a fol 166, fejn l-esponenti talbu li din l-Onorabbli Qorti biex tiddfferixxi l-kawza ghal data ohra.

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti diversament presjeduta datat 9 ta’ Dicembru 1994, fejn il-Qorti pprovdit fuq ir-rikors ta’ Dr. Grech u fuq ir-rikors tal-konvenuti Michael John Mallia *et noe* billi cahdet it-talba. Xehdu bil-gurament il-konvenuti Hugh Mercieca, Cecilia Camilleri, Patricia Mercieca u George Grima.

Rat ix-xhieda ta’ Hugh Mercieca a fol 169, ix-xhieda ta’ Cecilia Camilleri a fol. 170, ix-xhieda ta’ Patricia Mercieca a fol. 171, ix-xhieda ta’ George Grima minn fol. 172 sa fol. 173 datati 9 ta’ Dicembru 1994.

Rat in-nota tal-attur datata 20 ta’ Marzu 1995, a fol. 174, li permezz taghha esebixxa tlett (3) dokumenti konsistenti f’ ittra ufficjali datata 11 ta’ Jannar 1991 bhala Dok. “V1”; Cedola ta’ Depozitu Numru 988/90 fl-ismijiet “Paul Gauci vs Michael John Mallia *nomine”* bhala Dok. “V2” u Cedola ta’ Depozitu Numru 964/90 fl-ismijiet “Paul Gauci vs Michael John Mallia *nomine”* bhala Dok. “V3”.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament presjeduta datat 10 ta’ Mejju 1995, fejn Dr. Albert Ganado ddikjara li bi hsiebu jaghmel proposta ta’ transazzjoni u ghalhekk talab differiment.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament presjeduta datat 14 ta’ Gunju 1995, fejn Dr. Henry Antoncich ghall-atturi nforma lil Qorti illi ghaddejjin trattativi bl-iskop illi l-meritu ta’ din il-kawza jigi transatt.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament presjeduta datat 2 ta’ Ottubru 1995, fejn il-Prof. Ian Refalo ghall-atturi nforma lil Qorti li din il-kawza ghandha tigi tranzatta.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament presjeduta datat 20 ta’ Novembru 1995 fejn il-kawza giet differita ghall-probabbli cessjoni.

Rat ir-rikors tal-Avukat Albert Grech, datat 2 ta’ Jannar 1996, a fol. 189, fejn talab differiment.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament presjeduta datat 8 ta’ Jannar 1996, fejn id-difensuri tal-partijiet qalu li ghad hemm possibilita’ ta’ transazzjoni u ghalhekk talbu differiment.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament presjeduta datat 11 ta’ Marzu 1996, fejn Dr. Henry Antoncich ghall-atturi iddikjara li l-partijiet ghad ma rnexxilhomx jergghu jiltaqghu u ghalhekk, talab differiment biex possibilment jergghu jibdew dawna t-trattativi.

Rat il-verbali ta’ din il-Qorti diversament presjeduta datati 29 ta’ April 1996, 10 ta’ Gunju 1996 u 7 ta’ Ottubru 1996 fejn fl-ahhar seduta hawn indikata l-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-konvenut Michael Mallia.

Rat in-nota tal-Avukat Louis M. Thompson datata 24 ta’ April 1997, a fol. 196 fejn talab differiment.

Rat in-nota tal-konvenuti Onor. Dr. Michael Refalo u l-mara tieghu Blanche’, Hugh Mercieca u l-mara tieghu Patricia, Peter Camilleri u l-mara tieghu Cecilia, datata 24 ta’ April 1997 a fol. 197. Permezz ta’ din in-nota ghamlu referenza ghan-Nota ta’ Eccezzjonijiet taghhom, fejn irtiraw dik il-parti tal-eccezzjonijiet taghhom fejn talbu li jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju pero’ qeghdin izommu ferm dik il-parti tal-eccezzjonijiet fejn qeghdin jeccepixxu li ma ghandhomx ibaghtu l-ebda spejjez f’din il-kawza.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti diversament presjeduta datat 25 ta’ April 1997, fejn xehed il-konvenut Michael Mallia *nomine*. Dr. Ganado talab illi l-konvenut *nomine* jkompli jixhed permezz ta’ affidavit u wara meta jigi biex jitkellem dwar il-konvenju nkwistjoni huwa jerga jixhed *viva voce.* Il-Qorti hekk presjeduta laqghet it-talba.

Rat ix-xhieda tal-konvenuti **Michael John Mallia** datata 25 ta’ April 1997 a fol. 200 sa fol. 204 u d-dokumenti Dok. “MM1”, Dok. “MM 2”, Dok. “MM3”, u Dok. “MM 4” minnu esebiti.

Rat in-nota tal-konvenuti Michael Mallia u Luke Miceli Farrugia datata 13 ta’ Gunju 1997, a fol. 210, li permezz taghha prezenta l-affidavit tal-konvenut **Michael John Mallia** u d-dokumenti Dok. “MMA 1”, Dok. “MMA 2”, Dok. “MMA 3”, Dok. “MMA 4”, Dok. “MMA 5”, Dok. “MMA 6”, Dok. “MMA 7”, Dok. “MMA 8”, Dok. “MMA 9”, Dok. “MMA 10”, Dok. “MMA 11”, kollox minn fol. 219 sa fol. 230 tal-process.

Rat in-nota tal-attur Anthony Gauci *nomine* datata 23 ta’ Gunju 1997, a fol. 231, li permezz taghha rriserva l-kontro-ezami ghax-xhieda tal-konvenut Michael John Mallia moghtija minnu bl-affidavit esibit man-nota tat-13 ta’ Gunju 1997.

Rat il-verbali quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta datati 18 ta’ Gunju 1997 u 24 ta’ Novembru 1997.

Rat in-nota tal-konvenut datata 3 ta’ Frar 1998, a fol. 235, li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta’ Victor Peralta datat 9 ta’ Lulju 1997.

Rat in-nota ta’ John Mattei, datata 18 ta’ Frar 1998, a fol 242.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti hekk diversament presjduta datat 24 ta’ April 1998, fejn xehed in kontro ezami l-konvenut **Michael John Mallia** a fol. 245 sa fol. 246 tal-process.

Rat il-verbal datat 30 ta’ Novembru 1998, fejn Dr. Ganado ghall-konvenut Michael Mallia *nomine*, talab biex l-attur jaghti permess lin-Nutar Mario Bonello biex jirrilaxja lilu kopja awtentika u awtentikata tad-diversi konvenji illi saru bejn xi uhud mill-vendituri prospettivi tal-art in kwistjoni u l-attur wara illi kien gie iffiramt il-konvenju orginali bejn il-partijiet kollha interessati. L-art in kwistjoni hija dik maghrufa bhala “Tal-Propostu” fin-Numru 9 Sqaq l-Ibragg Ltd. ta’ B’Kara tal-kejl ta’ circa 40 tomna. Il-konvenju originali fuq imsemmi sar fl-1 ta’ Awissu 1990. Id-difensuri tal-attur iddikjaraw li qieghdin jirrizervaw illi jaghtu l-kunsens taghhom b’nota prezentata fir-Registru wara li jikkonsultaw ruhhom mal-attur. Dr. Ganado ddikjara wkoll illi *purche’* l-atturi jaghtu dan il-kunsens huwa minn dak il-hin stess iddikjara li ma ghandux provi aktar.

Rat in-nota tal-konvenuti Astrid Xuereb u Sandra Zarb Mizzi datata 3 ta’ Frar 1999, a fol. 249 tal-process.

Rat in-nota tal-attur, datata 30 ta’ Mejju 1999, a fol. 250, li permezz taghha ta l-kunsens tieghu sabiex in-Nutar Mario R. Bonello jghati kopja awtentika u awtentikata ta’ konvenju jew konvenji li setghu saru mill-attur dwar l-art maghrufa “Tal-Propostu” fi Sqaq ta’ l-Ibragg limiti ta’ B’Kara, tal-kejl ta’ circa 40 tomna.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti hekk diversament presjeduta datat 28 ta’ April 1999, fejn Dr. Ganado jiddikjara li n-Nutar Mario Bonello informah *tramite* l-konvenut Mallia illi huwa ma jkunx jista’ jirrilaxja kopja tal-konvenju minnu maghmul jekk ma jkollux il-kunsens tal-partijiet kollha illi hadu parti fl-istess konvenju u *inoltre* ddikjara illi hu ma ghamilx il-konvenji kollha illi saru wara l-konvenju originali ghaliex l-ohrajn ghamilhom in-Nutar Pierre Cassar. Il-Qorti ordnat li ghas-seduta li jmiss id-difensur tal-konvenut Mallia *nomine* jharrek lin-Nutar Dr. Mario Bonello u lin-Nutar Dr. Pierre Cassar.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti hekk diversament presjeduta datat 14 ta’ Gunju 1999, fejn Dr. Ganado ddikjara illi huwa hareg ingunzjoni kontra n-Nutar Mario Bonello u n-Nutar

Pierre Cassar u dana fit-28 ta’ Mejju 1999. Il-Qorti rrilevat li din l-ingunzjoni ma kintix fil-process. In-Nutar Mario Bonello nforma lil Qorti li hu kien regolarment ingunt wera lil Qorti l-ingunzjoni. Il-Qorti ddeplorat bil-qawwa l-fatt li ma kellhiex quddiemha din l-ingunzjoni. Il-Qorti ordnat lir-Registratur tal-Qorti sabiex jaghmel tfixxija ghal din l-ingunzjoni u biex jassigura li haga bhal din ma tergax tirrepeti ruhha. F’din is-seduta xehed in-Nutar Mario Rosario Bonello. Il-Qorti ordnat lin-Nutar Mario Rosario Bonello, biex jesebixxi kopja vera tal-konvenju tal-14 ta’ Awissu, 1990 li ssemma waqt ix-xhieda tal-istess Nutar.

Rat ix-xhieda tan-Nutar Mario Rosario Bonello minn fol. 258 sa fol. 260 u fejn l-istess Nutar, wara li gie ordnat mill-Qorti diverasament presjeduta, esbixxa kopja tal-konvenju datat 14 ta’ Awissu 1990 esebiet bhala Dok. “FGC 6”, l-istess konvenju huwa esebit a fol. 261 u *tergo* tal-process. Din l-iskrittura saret bejn l-partijiet l-Onorevoli Segretarju Parlamentari Dottor Michael Refalo, u martu s-Sinjura Blanche’ Refalo, is-Sur Peter Camilleri u martu s-Sinjura Cecilia Camilleri u s-Sur Hugh Mercieca u martu s-Sinjura Patricia Mercieca u s-Sur Lawrence Fino ghan-nom ta’ Paul Gauci.

Rat il-verbal ta’ din il-Qorti hekk diversament presjeduta datat 9 ta’ Frar 2000, fejn kompla jixhed in-**Nutar Dr. Mario Rosario Bonello** w il-Qorti ordnat lin-Nutar biex jirilaxxja kopja legali tal-konvenju li semma’ mix-xhieda tieghu.

Rat ix-xhieda tan-Nutar Dr. Mario Rosario Bonello minn fol. 264 sa fol. 267.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 26 ta’ Mejju 2000 fejn din il-kawza giet differita quddiem kif attwalment presjeduta ghas-17 ta’ Ottubru 2000.

Rat il-verbal datat 17 ta’ Ottubru 2000 u dak datat 1 ta’ Frar 2001, fejn Dr. Louis Thompson ddikjara li hu ma ghandux provi aktar. Il-Qorti halliet din il-kawza ghas-sentenza ghat-22 ta’ Mejju 2001, bil-fakolta’ li l-atturi jipprezentaw nota ta’ osservazzjonijiet fi zmien erbghin

(40) jum minn dik il-gurnata, bin-notifika/visto lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom erbghin (40) jum biex jirrispondu.

Rat ir-rikors tal-konvenuti Dottor Louis Bianchi ghan-nom tas-socjeta' Whitewood Ltd. u Edward Cassar Torregiani, datat 8 ta' Frar 2001, a fol 272A, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex jogghobha tordna s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u tawtorizzha l-istess rikorrenti *proprio et nomine* biex iresqu l-provi taghhom.

Rat id-digriet datat 9 ta' Frar 2001, fejn il-Qorti ordnat lir-rikorrenti biex jipprezenta x-xhieda tieghu bil-procedura tal-affidavit fi zmien erbghin gurnata millum, bil-visto tad-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva tal-kontro-ezami, u halliet l-kawza ghall-konkluzjoni tal-provi kollha li kien ghad fadlilhom il-konvenuti ghat-22 ta' Mejju 2001 w ordnat in-notifiki ta' dan id-digriet lill-kontro-parti u bis-spejjez ghar-rikorrenti.

Rat in-nota ta' Dottor Louis Bianchi, datata 13 ta' Frar 2001, a fol. 272C, li permezz taghha nforma lil Qorti li ma kienx possibli li jressaq x-xhieda tieghu permezz tal-procedura tal-affidavit izda sejjer jghaddi sabiex iharrek lill-istess xhieda.

Rat ir-rikors tal-konvenut Michael John Mallia *nomine,* datat 14 ta' Frar 2001, a fol. 273, fejn talab umilment lil din il-Qorti biex jogghobha tissospendi l-prolazzjoni tas-seduta sabiex fis-seduta li gejja l-esponent jezewrixxi l-provi tieghu.

Rat id-digriet datat 14 ta' Marzu 2001, a fol. 274, fejn il-Qorti laqghat it-talba, b'dan li, ir-rikorrent kellu jressaq il-provi kollha fis-seduta li kien imiss u l-kopja ta' dan id-digriet kellha tigi notifikata lid-difensuri tal-kontro-parti a spejjez tar-rikorrenti.

Rat in-nota tal-konvenuti Edward Cassar Torregiani u Dr. Louis Bianchi ghan-nom tas-socjeta' "WhiteWood Ltd.", datata 21 ta' Frar 2001, a fol 277, li permezz taghha nfurmaw lil Qorti li huma ghamlu referenza ghal l-istess

provi mressqa mill-konvenut l-iehor Michael John Mallia *nomine*, ghall-istess finijiet.

Rat il-verbal datat 22 ta' Mejju 2001, fejn xehdu n-Nutar Pierre Cassar u John Mattei.  Dr. Bianchi ddikjara li hu ser jistrieh fuq il-provi ta' *Michael Mallia et..*

Rat in-nota tal-attur, datata 11 ta' Gunju 2001, a fol. 290.

Rat il-verbal datat 5 ta' Lulju 2001, fejn xehdu Victor Peralta u Eward Cassar Torregiani.  Dr. Henry Antoncich ghall-atturi nforma lil Qorti li hu kien ser jimpejna ruhu li fis-seduta li jmiss kien ser igib lil Paul Gauci biex jixhed.

Rat ir-rikors ta' Michael John Mallia *nomine*, datat 21 ta' Novembru 2001, a fol. 295, fejn talab umilment li jigu ezebiti d-dokumenti msemmija fil-kawza, biex b'hekk jinghalqu l-provi.

Rat ix-xhieda ta' **Victor Peralta** datata 5 ta' Lulju 2001 minn fol. 298 sa fol. 302.

Rat ix-xhieda ta' **Edward Cassar Torreggiani** datata 5 ta' Lulju 2001 minn fol. 303 sa fol. 305.

Rat il-verbal datat 29 ta' Novembru 2001 u dak tas-7 ta' Marzu 2002, fejn xehed **Paul Gauci** u esebixxa d-dokument "PG 1" a fol. 311 tal-process fejn hemm indikati l-pagamenti li allegatment saru mill-attur in forza tal-ftehimn datat l-1 ta' Awissu 1990, dak li sar lil John Mattei et inforza tal-ftehim datat 9 ta' Awissu 1990 bejn l-attur u whud mill-konvenuti (fo.292), u dak li sar inforza tal-ftehim datat 14 ta' Awissu 1990 ma' Refalo, Camilleri, Mercieca (fol. 260).   Dr. Albert Ganado ghall-konvenut Michael John Mallia, iddikjara li jixtieq jipproduci lill-istess Michael Mallia biex jixhed fuq dak li xehed l-attur, peress li skond hu dak li xehed l-attur ma kienx minnu.  Dr. Henry Antoncich oppona.  Il-Qorti cahdet it-talba, *stante* li l-istess konvenut kellu diversi okkazzjonijiet biex iressaq il-provi tieghu w ukoll f' diversi xhieda tieghu kien hemm referenzi ghall-iskrittura.  Id-difensuri talbu li jaghmlu nota.  Il-Qorti laqghat dina t-talba w prefiggit terminu sal-15 ta' Mejju

2002 lill-atturi biex jipprezentaw in-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto / notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom sal-15 ta' Lulju 2002 biex jirrispondu.

Rat ix-xhieda ta' Paul Gauci tas-7 ta' Marzu 2002 minn fol. 312 sa fol. 321 tal-process.

Rat il-verbal datat 8 ta' Ottubru 2002, fejn id-difensuri prezenti trattaw il-kaz. Dr. Ganado ghall-konvenuti "L. Farrugia & Sons" talab li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba w ipprefegiet terminu sa l-ahhar ta' Novembru 2002 lill-konvenuti biex jipprezentaw in-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto / notifika lid-difensur tal-kontro-parti Dr. Henry Antoncich li jkollu sal-31 ta' Jannar 2003 biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Marzu 2003.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut Mallia noe, datata 29 ta' Novembru 2002, a fol. 323 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenuti Edward Cassar Torregiani u Dottor Louis Bainchi ghan-nom tas-socjeta' "WhiteWood Ltd.", li assumew l-atti tal-kawza minnflokk George Peralta, datata 11 ta' Dicembru 2002, a fol. 330 li permezz taghha huma ddikjaraw illi huma m'ghandhomx xi ziedu ma' sottomissjonijiet tal-konvenut l-iehor Michael John Mallia w li huma jaqblu ghal kollox ma' dawn is-sottomissjonijiet.

Rat ir-rikors tal-attur datat 13 ta' Frar 2003, a fol. 333, fejn talbu lil din il-Qorti biex jippresentaw in-nota tal-osservazzjonijiet avolja ghalaq it-terminu stabilit u d-digriet datat 14 ta' Frar 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba prevja n-notifika skond il-ligi.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-atturi annessa mar-rikors datat 13 ta' Frar 2003 minn fol. 334 sa fol. 338.

Rat il-verbal datat 27 ta' Marzu 2003, fejn il-kawza giet differita ghat-30 ta' Ottubru 2003 ghas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-Avukat Dottor Louis Bianchi, datat 22 ta’ Ottubru 2003, a fol 342, fejn talab diferiment tal-kawza.

Rat id-digriet datat 23 ta’ Ottubru 2003, fejn il-Qorti cahdet it-talba, b’ dan li jekk tkun lesta s-sentenza tinghata, jekk le ovvjament ikun hemm differiment.

Rat il-verbal datat 30 ta’ Ottubru 2003, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Frar 2004.

Rat il-verbal tas-26 ta’ Frar 2004 fejn il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza peress li hemm xhieda nieqsa. Il -kawza giet differita ghad-29 t’April 2004 biex tinstab l-istess xhieda.

Rat il-verbal tad-29 ta’ April 2004 fejn il-Qorti nnotat li ma sar xejn sa dak in-nhar sabiex ix-xhieda li kien hemm nieqsa fil-process tigi inserita fl-atti tal-kawza u vverbalizzat li mhux infurmata jekk sarx xi haga sabiex l-atti nieqsa mill-process jigu reintegrati u dan minkejja l-fatt li l-kawza kienet ghas-sentenza f'data qabel illum, u s-sentenza ma setghetx tinghata minhabba dan in-nuqqas. Il-Qorti ordnat li d-difensuri jaraw il-process u lir-Registratur tal-Qrati sabiex jirreintegra l-atti nieqsa mill-istess process. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghall-24 ta' Gunju 2004.

Rat ix-xhieda ta’ John Mattei tat-22 ta’ Mejju 2001 a fol. 350 tal-process.

Rat il-verbal tal-24 ta’ Gunju 2004 fejn il-Qorti giet infurmata li x-xhieda tan-Nutar Pierre Attard ma nstabitx fil-process u ghalhekk innominat lil Assistenta Gudizzjarja Dr. Josette Demicoli biex f'seduta wahda tisma' tali xhud mill-gdid. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-24 ta' Novembru 2004.

Rat il-verbal tal-24 ta’ Novembru 2004 fejn il-kawza giet differita ghat-3 ta’ Mejju 2005.

Rat il-verbal tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli fit-13 ta’ Jannar 2005 u

tal-21 ta’ Frar 2005 u x-xhieda hemm moghtija min-Nutar Pierre Cassar.

Rat il-verbal tat-3 ta’ Mejju 2005 fejn il-kawza giet differita ghas-17 ta’ Novembru 2005.

Rat il-verbal tas-17 ta’ Novembru 2005 fejn Dr Louis Bianchi ghas-socjeta' White Wood Ltd u ghall-konvenut Edward Cassar Torreggiani, talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. L-istess Dr Louis Bianchi nforma lill-Qorti li Dr Ganado ghall-konvenut Mallia jaqbel ukoll li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Dehret ukoll Dr Melanie Schembri ghall-attur. Il-Profs. Refalo, Dr. Peter Fenech, Dr. Ramon Rossignaud, Dr. Louis Thompson, u Dr. Albert Grech ghall-partijiet imsejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Id-difensuri prezenti nfurmaw lill-Qorti li n-Nutar Pierre Cassar rega' nstema' u x-xhieda tieghu tinstab fil-process. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Marzu 2006.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitlob li l-konvenuti kollha jaddivjenu ghall-kuntratt ta’ trasferiment datat l-1 ta’ Awissu 1990 li jinsab esebit a fol. 5 sa 8 tal-process bhala Dok. “A”.

Illi fil-fatt l-attur jallega li fil-1 ta’ Awissu 1990 sar konvenju fejn il-konvenuti flimkien u *in solidum* ippromettew u obbligaw ruhhom li jassenjaw u jittrasferixxu b'titolu ta' enfitewsi perpetwa l-art in kwistjoni lil Paul Gauci u dan bil-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fil-konvenju u liema kondizzjonijiet jinsabu elenkati fid-dokument “A” anness mac-citazzjoni attrici; hemm diversi kondizzjonijiet li ghalihom qed issir referenza fosthom dik indikata fil-paragrafu 1 li parti minnha tipprovdi li kellu jithallas akkont

tal-konsiderazzjoni hemm miftehma l-ammont ta’ hames t’elef lira Maltija (Lm5,000) *“within two days from today”.* Hemm ukoll il-klawsola numru tnejn (2) fejn gie miftiehem kif u meta kellu jinfeda cens fuq l-istess art mill-attur jew il-prospettat akkwirent Paul Gauci. Hemm ukoll il-klawsola numru disgha (9) li tipprovdi li:-

*“This preliminary agreement shall be held valid for a period of six (6) months from today”.*

Illi jinghad ukoll li l-kwalsola numru hdax (11) tipprovdi li:-

*“This agreement shall be valid as soon as signed by all the parties, and the six month term mentioned in clause 9 shall start as soon as all the parties have signed”.*

Illi jirrizulta min-noti tal-eccezzjonijiet illi whud mill-prosepetteti koncessjonarji ma sabux oggezzjoni ghall-bejgh izda il-konvenuti Michael J. Mallia *et nomine* u Victor Peralta *nomine*, li sussegwentement ittrasferixxa l-porzjon tieghu lil Edward Cassar Torregiani u Dr Louis Bianchi *nomine*, qed joggezzjonaw li jsir tali att finali . Huma bazikament ressqu tlett ilmenti. L-ewwel eccezzjoni hija dwar ir-rappresentanza tas-socjeta’ L. Farrugia & Sons Limited giet illum sorvolata u fil-fatt fin-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-istess konvenut Mallia datata 29 ta’ Novembru 2002 (fol. 323) jinghad li din *“l-eccezzjoni hi rtitrata”.*

Illi fit-tieni lok l-istess konvenuti ndikati qed isostnu li l-attur Paul Gauci naqas mill-obbligi tieghu fl-istess konvenju u dan peress li skond l-istess konvenju l-ammont ta’ Lm5,000 kellu jithallas lill-konvenuti fi zmien jumejn mid-data tal-iskrittura privata u la darba tali data kienet dik ta’ l-1 ta’ Awissu 1990, dan il-pagament kellu jsir sat-3 ta’ Awissu 1990; ghalhekk l-istess pagament ma sarx fit-terminu stipulat u b’hekk l-istess konvenuti ma’ humiex iktar marbutin bl-istess konvenju.

Illi fit-tielet lok l-istess konvenuti fuq nidkati ecceppew ukoll illi huma mhux marbutin izjed bl-istess ftehim peress li bejn l-attur u whud mill-konvenuti u komparenti l-ohra fl-

iskrittura datata l-1 ta’ Awissu 1990 sar ftehim u skritturi ohrajn minn wara darhom u b’hekk effettivament ma’ baqax *in vigore* l-*istess ftehim u dan wkoll iffisser li dan il-ftehim ma’ sehhx in buona fede* u li b’rizultat tal-ftehim il-gdid li komparenti l-ohra lahqu ma’ l-attur huma aggixxew bi frodi ghad-dannu ta’ l-istess konvenuti eccipjenti li hekk ressqu l-imsemmija eccezzjonijiet u ghad-dannu wkoll ta’ l-avendi kawza taghhom.

Illi ghalhekk l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi trattata hija dik jekk il-pagament ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000) li kellu jithallas akkont sarx fit-terminu stipulat jew le. Infatti whud mill-konvenuti eccepew li l-pagament ma sarx fit-terminu stipulat u b’hekk il-konvenju baqa’ ineffettiv.

Illi hemm diversi klawsoli rilevanti ghas-soluzzjoni ta’ din il-pendenza fosthom naturalment il-klawsola numru wiehed (1) ta’ l-istess konvenju jew skrittura privata li testwalment tipprovdi li t-trasferiment in kwistjoni kellu jsir:-

*“Towards the annual and perpetual groundrent of ten thousand and two hundred and fifty Maltese liri (Lm10,250), payable half yearly in advance, with effect from the relative date of deed, and towards the consideration of twenty thousand (Lm20,000), payable once, out of which consideration the grantees are to pay to the grantors within two days from today the sum of five thousand Maltese Liri (Lm5,000) on account of the said consideration, whilst the balance of fifteen thousand Maltese Liri (m15,000) is to be paid on the relative deed of transfer.”*

Illi kif inghad, uhud mill-konvenuti jsostnu li ladarba l-konvenju kien datat 1 ta’ Awissu 1990 allura l-pagament ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5000) kellu jsir fit-3 ta’ Awissu 1990. Ladarba dan ma sarx allura l-konvenju ma baqax effettiv. Infatti fin-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenut Mallia *nomine* hemm indikat bhala argument d-differenza fit-termini tal-konvenju bejn il-klawzola numru 1 ta’ l-istess skrittura privata ta’ l-1 ta’ Awwissu 1990 u l-

klawzola numru disgha (9). Din l-ahhar klawzola kienet tghid li:-

*“This preliminary agreement shall be held for a period of six (6) months from today”.*

Illi pero’ jinghad ukoll li dwar din il-kwalsola hemm ukoll il-klawsola numru hdax (11) li tippprovdi li l-imsemmi terminu ta’ s-sitt xhur indikat fil-kwalsola numru disa’ (9) kellhom jibdew jghaddu malli jiffirmaw il-partijiet kollha. Fil-fatt l-istess klawsola numru hdax tipprovdi li:-

*“This agreement shall be valid as soon as signed by all parties, and the six month term mentioned in clause 9 shall start as soon as all parties have signed.”*

Illi l-argument ta’ l-imsemmija konvenuti hija li l-klawsola numru 1 li tipprovdi ghall-hlas tas-somma ta’ Lm5,000 fi zmien jumejn mid-data ndikata bhala *“today”* ma gietx kwalifikata bl-istess mod, u b’hekk huma jsostnu li l-imsemmi hlas tal-pagament akkont ma kienx ghalhekk marbut mal-kundizzjoni li qabel kellhom jiffirmaw l-istess skrittura privata l-koncedenti l-ohra kollha. Dan ifisser li skond l-pretensjoni tal-konvenuti, l-attur Paul Gauci kien obbligat ihallas l-ammont ta’ Lm5,000 fi zmien jumejn minn meta giet redatta l-istess skrittura u saru l-ewwel firem; jekk xi partijiet mill-istess ftehim eventwalment ma kienux ser jiffirmaw l-istess skrittura kien ikun hemm l-obbligu li s-somma mhallsa ta’ hames t’elef lira Maltin (Lm5,000) kien ikollhom jigu rifuzi lill-attur. Ghalhekk l-argument ta’ l-imsemmija konvenuti huwa li la darba l-hlas ta’ l-imsemmija somma ma sarx skond il-klawsola numru wiehed (1) ta’ l-imsemmija skrittura, l-konvenuti u allura l-prospettati koncedenti gew mahlulin mill-obbligu li jersqu ghall-kuntratt finali minhabba din l-inadempjenza *da parte* ta’ l-attur.

Illi min-naha l-ohra l-attur qed isostni li t-terminu meta kellu jsir il-hlas tas-somma ta’ hames t’elef lira Maltija (Lm5,000) kellu jibda jghaddi biss mid-data li l-partijiet kollha jiffirmaw il-konvenju. Fil-fatt l-attur isostni li l-kliem *“from today”* setghet tirreferi biss ghad-data meta l-

obbligazzjoni saret vinkolanti u dan sehh biss meta kien hemm l-accettazzjoni tal-partijiet kollha ghal dak il-ftehim u ghalhekk il-kliem *"from today"* ma setghux jittiehdu litteralment bhala li jirreferu ghad-data meta saru l-ewwel firem. Fil-fatt l-istess attur jghid li l-ahhar firem fuq il-konvenju datat 1 ta' Awissu 1990 saru fis-16 ta' Awissu 1990. B'hekk it-terminu ta' jumejn kien jaghlaq skond l-attur fit-18 ta' Awissu 1990. L-istess attur jallega li f'dan ir-rigward hija wkoll sinifikanti l-klawsola hdax (11) ta' l-istess ftehim tant li huwa jsostni li l-offerta tal-pagament tad-depositu saret anke qabel din id-data hemm indikata. L-attur jallega li huwa ipprova joffri l-hlas b'diversi modi imma l-konvenut *nomine* ghamel minn kollox biex jevita dan il-hlas. Fl-ahharnett jghid li fil-ftehim in kwistjoni ma kien hemm l-ebda dekadenza marbuta man-nuqqas ta' pagament tad-depositu. Ghalhekk fl-assenza tal-patt kommissarju espress il-posizzjoni kienet li biex tista' topera dekadenza l-attur kellu formalment jitpogga *in mora* haga li ma saritx.

Illi din il-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"It-Tabib Dr Carmel sive Lino u Louise-Ann mizzewgin Gauci Borda vs Carmelina sive Carmela Azzopardi et"** (A.C. (VDG) 29 ta' Ottubru 2004 - App. Civ : 413/99) fejn intqal: -

*"Kif sewwa rriteniet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza tat-30 ta' April, 2002 fil-kawza fl-ismijiet **"Philip Micallef et vs Antoine Micallef"** li "huwa mehtieg li sabiex konvenju jkun validu (li) dan jigi redatt bil-miktub. In oltre ghandu jikkontenjeni s-segwenti elementi :-*

*(a) jirrispekkja l-volonta' tal-kontraenti riflessa fil-firem taghhom;*
(b) *jikkontjeni l-weghda ta' trasferiment li tkun tifforma l-oggett ta' dak il-ftehim;*
(c) *jidentifika dan l-oggett li kellu jigi trasferit;*
(d) *jistipula t-titolu li bih ikun gie miftiehem li kellu jsir it-trasferiment u*
(e) *jindika l-prezz jew konsiderazzjoni miftehma li jistghu jkunu determinati jew determinabbli skond il-ftehim."*

Illi dawn huma l-elementi essenzjali ghall-validita' ta' konvenju skond il-ligi u li tali obbligazzjoni trid tkun in iskritt kollha bil-mod indikati fis-sentenza fl-ismijiet **"Philip Micallef vs Antoine Micallef"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002). Illi fis-sentenza fuq citata ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell gie osservat wkoll li:-

*"Gie deciz li meta element essenzjali jkun irid jirrizulta minn skrittura jew kuntratt, jekk tali element jonqos, provi testimonjali ma humiex ammissibbli biex jigi supplit l-element nieqes. Tali prova testimonjali hi lecita biss li ssir biex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f'xi patt incidentali jew accessorju." (ara ukoll* ***"Victor Camilleri vs Frank Littleton"*** *deciza mill-Qorti tal-Kummerc (JDC) fil-25 ta' Jannar 1990)".*

*"Din il-Qorti tikkondividi dak li qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili kif hawn fuq riportat fir-rigward ta' elementi mehtiega ghall-validita' ta' konvenju u daqstant taqbel li l-volonta' tal-gudikant qatt ma ghandha tissostitwixxi dik tal-kontraenti. Kemm-il darba li skrittura privata li permezz taghha l-kontraenti jintrabtu f'relazzjoni ta' compro-vendita tkun cara, d-dmir tal-Qorti huwa limitat inkwantu hija ghandha l-obbligu li taghti ezekuzzjoni ghal dak li l-partijiet fuq il-konvenju jkunu ftehmu, u xejn aktar. Infatti din il-Qorti, kif diversament komposta, esprimiet ruhha hekk fir-rigward:-*

*"Meta l-kliem tal-att huma cari l-interpretu ghandu joqghod ghal dan il-kliem u mhux jirrikorri ghall-kongetturi." L-istess Qorti izda marret oltre' billi osservat li:-*

*"Pero' fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni ma hijiex l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall-kliem tal-konvenzjoni jew is-sens divers minnhom lilhom moghti li jiswa imma hu <u>l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti l-kliem is-sens ordinarju tieghu, fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti, li ghandu joqghod.</u> Jekk ghall-gudikant id-dicitura wzata ma tistax ma twassalx oggettivament ghal sens car u univoku hu dan is-sens illi ghandu jfisser il-volonta' espressa mill-kontraenti fil-konvenzjoni taht*

*ezami.* *<u>Hu biss meta t-termini tal-kuntratt huma oskuri li jrid jigi kkunsidrat dawk il-pattijiet li l-kontraenti riedu.</u>* ***("Nazzareno Vella noe et vs Joseph Abela noe et"*** *– App. Civ.Superjuri – 14/01/2002)".*

Illi jekk wiehed japplika dawn il-principji ghall-kaz odjern jirrizulta s-segwenti: il-konvenju mertu tal-kawza odjerna huwa datat 1 ta' Awissu 1990. Minkejja dan il-konvenju ma giex iffirmat mill-partijiet kollha koncernati fl-istess data u dan jirrendi dan il-kaz wiehed *sui generis.* Infatti qed jigi allegat li l-ahhar firem li tpoggew fuq il-konvenju kien fis-16 ta' Awissu 1990. Pero' lanqas hawn il-provi prodotti mill-attur ma' huma verament cari.

Illi qed jinghad dan peress li anke mix-xhieda tan-Nutar Mario Rosario Bonello moghtija minnu fit-3 ta' Gunju 1994 (a fol.145 tal-process) dan l-aspett ta' meta diversi partijiet fl-iskrittura privata mertu ta' din il-kawza odjerna iffirmaw l-istess ftehim ma' hijiex daqshekk cara tant li per ezempju l-istess Nutar innifsu jghid li ghalkemm fuq il-kopja tal-konvenju hemm il-kliem *"signed on 16/8/90",* dawn fil-fatt gew miktuba minn Hugh Mercieca, wiehed mill-konvenuti, u l-imsemmi xhud jghid li fil-fatt *"huwa kien iffirma "on the $17^{th}$ u meta huwa kiteb id-data, jiena ssugerejtlu illi jaghmel id-data ta' dakinhar illi fil-fatt kien qieghed jiffirma l-konvenju u hu qalli illi jixteiq illu huwa jkun jidher li ffirma flimkien ma' l-ohrajn u l-ohrajn kolha ffirmaw fis-16 ta' Awissu, 1990. Meta nghid "kollha" irrid infisser ghal dawk illi jidhru ffirmati fl-ispazzju rettangolari, fil-faccata numru 4 tal-konvenju. Il-firmatarji tal-konvenju l-ohrajn iffirmaw kollha f'daqqa fl-1 ta' Gunju 1990".* Presumibilment hemm zball fit-traskrizzjoni tax-xhieda li x-xahar ta' Gunju kellu jkun ix-xahar ta' Awissu. (*vide* fol.146 – 147).

Illi minkejja din ix-xhieda pero' jekk wiehed ihares lejn il-kopja tal-konvenju esebita mill-istess Nutar quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u dan fil-kopja ta' l-istess skrittura esebita bhala Dok. "FGC 4" a fol. 150 tal-process kif kien qed jixhed dakinhar, wiehed isib li fl-ahhar faccata ta' l-istess skrittura privata hemm diversi firem, izda hemm ukoll diversi dati fosthom fejn il-firma tal-konvenut Mattei fejn hemm id-data tad-9 ta' Awissu 1990 u fil-kaxxa

rettangolari imsemmija min-Nutar fix-xhieda tieghu hemm miktub *“as assignees of Mrs Yolanda Smith in virtue of preliminray agreement dated 14/08/90:- “*u il-firem ta’ Blanche’ M. Refalo pro. et noe, ta’ Cecilia Camilleri pro et noe, Pat Merceica u firma ohra bil-kliem *“signed on 16/8/1990”* u li kif inghad in-Nutar qed jghid li ma kitibx huwa.

Illi il-Qorti tinnjora li skond ix-xhieda ta’ Michael Mallia stess fl-affidavit tieghu datat 13 ta’ Gunju 1997 (fol. 213) kif hemm almenu John Mattei li ffirma fid-9 ta’ Awissu 1990, li ma iffirmax allura la fl-ewwel ta’ Awissu 1990 u lanqas fis-16 ta’ Awissu 1990.

Illi jinghad ukoll li mid-dokument esebit bhala Dok. “A”, li hija l-kopja ta’ l-isemmija skrittura privata imsemmija u esebita mill-attur mac-citazzjoni attrici a fol. 5 tal-process jirrizulta fuq l-istess dokument dattilografat u mahrug minn Nutar Mario Rosario Bonello li hemm indikati li saru il-firem ta’ M.J. Mallia, l-Avukat Ramon Rossignaud, Victor Peralta, M. Degiorgio u Paul Gauci u li dawn biss iffirmaw fl-1 ta’ Awissu 1990; J. Mattei huwa indikat li ffirma fid-9 ta’ Awissu 1990 ghaliex hemm l-istess data fejn ismu u l-persuni ndikati bhala *“assignees of Yolanda Smith, in virtue of a preliminary agrement dated 14/08/90:- Blanche Refalo, pro et noe. Cecilia Camileri, pro et noe, Pat. Mercieca. Hugh Mercieca” signed on 16/08/90”,* u b’hekk indikat li iffirmaw fis-16 ta’ Awissu 1990 ghalkemm hdejn l-istess persuni hawn l-ahhar indikati, u minkejja d-dikjarazzjoni hemm indikata, jidher li hemm numri ta’ dati differenti miktubin, u fil-fatt hdejn Blanche’ Refalo hemm miktubin n-numri “14 –15”, hdejn l-isem ta’ Cecilia Camilleri hemm in-numri “18-19”, hdejn Pat Mercieca hemm in-numru “16” u hdejn l-isem ta’ Hugh Mercieca hemm in-numru “17” kollox kif jidher a fol. 8 tal-process.

Illi dan huwa relevanti fil-kuntest ukoll tal-fatt li l-konvenut John Mattei li kien qed jidher kemm f’ismhu proprju u kemm ghan-nom ta’ Marian mart Louis Gatt, Astrid mart Edward Xeureb, Diana mart Peter Toledo, Alexandra mart David Zarb Mizzi ffirma l-istess skrittura privata (Dok. “A”) biss wara li kien iffirma wkoll fl-istess kwalita’ tieghu

premessa skrittura privata datata 9 ta' Awissu 1990, li tinsab esebita bhala Dok. "A" a fol. 22 tal-process fejn ma' hemm l-ebda dubju li dak pattwiet dwar il-fidi ta' cens fl-iskrittura datata l-1 ta' Awissu 1990 gie mibdul tant li jinghad:-

*"Jaghmlu referenza ghall-konvenju li ggib id-data tal-1 ta' Awissu 1990 u jridu jimmodifikaw b'dan li gej:-*

*"Ill c-cens fir-rigwrard is-sehem tal-ahwa Mattei ghandu jinfeda dakinhar tal-kuntratt finali u dan bil-prezz hawn miftiehem".*

*"Illum qed jithallas depositu akkont tal-prezz is-somma ta' Lm357, Lm8,929 sejrin jithallsu fi zmien tlett xhur millum u Lm8,571 jithallsu fuq l-att finali".*

*"Mill bqija l-patijiet irratifikaw u jikkonfermaw il-konvenju precitat sa fejn huma applikabbli".*

Illi dan ovvjament ifisser li l-konvenju ta' l-1 ta' Awissu 1990 gie mibdul almenu sa' fejn jinghad bl-iskrittura tad-9 ta' Awissu 1990, ghalkemm meta l-istess konvenut John Mattei iffirma l-iskrittura mertu ta' din ic-citazzjoni huwa ma' ghamel l-ebda referenza ghal dan. Fl-fatt fl-eccezzjoni taghhom il-konvenuti John Mattei et jghidu li huma lesti jersqu ghall-kuntratt *a tenur "ta' l-iskritturi tal-1 ta' Awissu u tad-9 ta' Awissu 1990 rispettivament",* li jfisser li hemm tibdil f'dak li jirrigwarda l-iskrittura ta' l-1 ta' Awissu 1990.

Illi jirrizulta wkoll li kif jidher minn Dok. "FGC" a fol. 261 tal-process kien sar ftehim iehor datat 14 ta' Awissu 1990 bejn dak in-nhar l-Onorevoli Segretarju Parlamentari Dottor Michael Refalo, u martu s-Sinjura Blanche' Refalo, is-Sur Peter Camilleri u martu Cecila Camilleri, is-Sur Peter Camilleri u martu s-Sinjura Patricia Mercieca min-naha l-wahda u l-attur Paul Gauci min-naha l-ohra kif hemm rappresentat jinghad li l-partijiet ghamlu referenza ghall-*"konvenju minnhom iffirmat illum stess rigwardanti l-art 'Tal-Propostu",…………….u qieghdin in forza tal-presenti jolteraw u jemendaw l-istess konvenju bil-mod segwenti:-*

*(1) Ic-cens spettanti lil koncedenti mic-cens totali ammontanti dan is-sehem ghal Lm732.14,3 jrid jinfeda mill-koncessjonarju sa zmien gimgha mill-att relattiv tat-trasferiment notaraili verso l-prezz ta' wiehed u ghoxrin elf hames mija u sebghin Liri Maltin (Lm21,570) pagabbli kwantu ghall nofshom cioe Lm10,785 sa zmien tlett xhur mil-lum, u kwantu ghar-rimanenti Lm10,785 fuq l-att relattiv ta' fidi ta' cens relattiiv ghall-koncedenti;*

*(2) Dal ftehim jibqa' veljanti ghal zmien sitt xhur u gimgha millum;*

*(3) Mill-bqija l-partijiet jirradifika u jikkonfermaw il-fuq imsemmi ftehim"*

Illi f'dan il-kaz ukoll il-konvenuti li ffirmaw l-iskrittura privata datat 14 ta' Awissu 1990 biddlu sa' fejn hemm jinghad l-iskrittura ta' l-1 ta' Awissu 1990 mertu ta' din il-kawza, izda ghal darba ohra ffirmaw l-ahhar imsemmija skrittura bla ma' qalu xejn dwar l-iskrittura l-ohra hawn citata, ghalkemm l-istess kienet tikkontjeni kondizzjonijiet ovvjament differenti tant li kien hemm bzonn skittura ohra.

Illi huwa f'dan il-kuntest li jridu jigu decizi l-mertu tat-talbiet attrici u l-eccezzjoni sollevati mill-konvenuti u ghalhekk kwantu jirreferixxi ghall-eccezzjoni li l-attur ma hallasx l-ammont ta' hames t'elef lira Maltija (Lm5,000) skond il-klawsola numru 1 tal-istess konvenju ma' hemm l-ebda dubju li hemm jinghad specifikatament li l-pagament akkont ta' hamest elef lira Maltin (Lm,5000) kellu jithallas *"within two days from today".* M'hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li dawn il-hamest elef lira Maltin ma thallsux sat-3 ta' Awissu 1990.

Illi din il-Qorti thoss li skond kif spjegat mill-konvenut John Mallia l-ftehim kien rifless specifikatament fl-istess kliem cari w inekwivoci ta' l-istess skrittura ta' l-1 ta' Awissu 1990, skrittura li anke jekk il-validita' taghha qed tigi kontestata llum minhabba l-emendi li saru ghaliha minn uhud mill-konvenut u l-attur (minn wara dahar uhud mill-konvenuti odjerni), u anke jekk tenut kont tal-fatt li emendi

saru ghal diversi kwalsoli fl-istess skrittura, emenda ghal dak li huwa hlas ta' depozitu ma' saret imkien.

Ill l-argument ta' l-attur li din il-klawsola kellha tinqara fil-kuntest ta' dak li hemm indikat fil-klawsola numru 11 fis-sens li la darba l-istess tipprovdi li l-indikat ftehim kellu jigi kkunsidrat bhala validu hekk kif jigi ffirmat mill-partijiet, u l-istess konvenju gie ffirmat mill-partijiet kollha biss fis-16 ta' Awissu 1990 jew anke data ohra wara, mela allura kif il-perjodu ta' validita' tal-konvenju ta' sitt xhur kif imsemmi fi kwalsola 9 kellu jigi kkunsidrat minn dik id-data, hekk ukoll it-terminu ta' jumejn imsemmi fi klawsola wiehed kellu hekk jigi kkonsidrat, anke ghaliex iz-zewg paragrafi (1) u (9) jikkalkulaw id-data *"from today".*

Illi din il-Qorti pero' ma' taqbel xejn ma' dan u dan peress li fi kwalsola 11 hemm referenza specifika ghall-paragrafu 9 u t-terminu ta' sitt xhur hemm indikat, mentri ma' hemm l-ebda referenza ghat-terminu indikat f'paragrafu wiehed (1) ta' l-imsemmija skittura.  Fil-fatt l-istess artikolu 11 jghid li *"the six month term mentioned in clause 9 shall start as soon as all the parties have signed".*

Illi ghalhekk huwa car li t-terminu indikat ghall-pagament f'paragrafu wiehed bl-ebda mod ma' gie effettwat b'dak indikat f'paragrafu 11, anke jekk jigi ghall-mument koncess li l-istess ftehim huwa validu, u dan qed jinghad peress li hareg mill-provi fuq prodotti li tali ftehim gie emendat minn uhud mill-konvenuti u mill-attur almenu b'zewg skritturi ohra datati 9 u 14 ta' Awissu 1990, u dan ghandu jwassal ghall-konkluzzjoni li effettivament il-ftehim ta' l-1 ta' Awissu 1990 bhala tali lanqas biss gie miftiehem kif inhu bejn il-partijiet kollha.

Illi dan huwa msahhah mill-argument ukoll li fil-fatt minkejja li diversi koncedenti rispettivi biddlu diversi kondizzjonijiet mill-istess ftehim, anke dwar it-terminu ta' validita' ta' l-istess konvenju, dwar meta kellu jithallas id-depositu ma' sar xejn u hadd ma' biddel xejn.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li s-sinifikat ta' l-istess klawsola wiehed fejn din tirreferi ghat-terminu meta kellu jsir il-hlas

tas-somma ta’ hames t’elef (Lm5,000) huwa wiehed car u dan kellu jsir fi zmien jumejn mid-data tallum – b’referenza ghad-data jew jum meta kienet redatta u ffirmata l-istess skrittura. Tant hija cara din li ghalkemm in-Nutar Mario Rosario Bonello fl-opinjoni ta’ din il-Qorti ma’ kien car xejn dwar id-dati meta saru l-firem ta’ whud mill-konvenuti konxju tal-fatt li kienu saru diversi emendi ghall-istess konvenju bejn l-attur u whud mill-konvenuti minn wara dahar whud mill-konvenuti l-ohra, huwa kien pero’ car fuq meta kellha tithallas din is-somma ta’ hames t’elef (Lm5,000) tant li fix-xhieda tieghu tal-5 ta’ Novembru 1993 (fol. 129) huwa qal hekk:

*“Skond il-klawsola li tinsab fit-tieni pagna ta’ dan il-konvenju w enumerata bin-numru 1 kellha tithallas is-somma ta’ hames t’elef lira (Lm5,000) akkont tal-prezz fi zmien jumejn mid-data tal-konvenju li kienet l-1 ta’ Awissu 1990”.* Din hija xhieda tan-Nutar li rrediga l-istess skrittura u li f’din l-okkazzjoni kien prodott bhal xhud mill-attur stess.

Illi fil-fatt din hija wkoll konsonanti mal-fatt li l-partijiet sa dakinhar firmatarji kienu konxji mill-fatt li whud mill-prospettivi koncessjonarji kienu ser jiffirmaw f’dati ohra u dan kif xehed fl-affidavit tieghu l-konvenut Michael J. Mallia li spjega fid-dettal kif kienu mexjin it-trattazzjonijiet sabiex tibiegh l-istess proprjeta’ u dan huwa korroborat ukoll mid-diversi dokumenti esebiti minnu. Ghalhekk din il-Qorti thoss li fi kwalunkwe kaz jidher car li l-attur kien inadempjenti fl-istess ftehim peress li l-hlas akkont ma’ sarx fit-terminu indikat u l-eccezzjoni f’dan is-sens tal-konvenuti Michael John Mallia *et nomine* u ta’ Victor Peralta *nomine* u ta’ Edward Cassar Torreggiani u Dr. Louis Bianchi *nomine* qed tigi milqugha.

Illi fil-fatt jirrizulta wkoll bhala fatt li Michael John Mallia wara tali terminu gie offert b’xi mod cekk datat 9 ta’ Awissu 1990 li kien iffirmat minn certu George Grima. In-Nutar Bonello xehed li dan ic-cekk baghtu lil konvenut Mallia fil-11 ta’ Awissu 1990 ma’ certu Carmel Micallef (a fol.144 tal-process). Il-konvenut Mallia xehed li huwa sab

dan ic-cekk fis-16 ta’ Awissu 1990. Apparti l-fatt li jidher hawn li l-attur innifsu jidher allura li qed jaghmel pagament qabel ma’ gie skond huwa *in vigore* l-istess ftehim (u dan immur kontra s-sottomissjoni ta’ l-attur li tali kwalsola 1 kellu jkollha biss effett wara li kull parti tiffirma u ghalhekk dejjem wara is-16 ta’ Awissu 1990), ma hemmx dubju lanqas li tali cekk ta’ din it-terza persuna gie rrifjutat mill-konvenut Michael Mallia peress li dan Grima kien sensar li kien ipprova jindahal fin-negozju u li l-istess Mallia kien qallu li ma riedx ikollu x’jaqsam mieghu. Infatti Mallia mill-ewwel kien cempel lin-Nutar Bonello u kien semma din bhala wahda mir-ragunijiet ghar-rifjut tac-cekk u din kienet proprju li dan George Grima ma kienx konoxxut minnu u ma kien b’ ebda mod parti fil-konvenju. Ma hemm l-ebda dubju li c-cekk datat 9 ta’ Awissu 1990 esebit bhala Dok. “FGC 6” a fol. 140 tal-process inhareg minn dan George Grima li ma’ kellu x’jaqsam xejn fil-ftehim imsemmi u certament li kien gustifikat li l-konvenut Michael Mallia jipprotegi l-posizzjoni tieghu anke fir-rigward ta’ l-istess persuna.

Illi ineffetti jirrizulta wkoll li apparti l-fatt li l-istess konvenut kien intitolat jirrifjuta dan ic-cekk ghal diversi ragunijiet inkluzi dawk gja fuq indikati f’din is-sentenza, jirrizulta ulterjorment li l-imsemmi konvenut Michael Mallia qal lin-Nutar ukoll li sar jaf li kienu qed isiru manuvri minn wara dahru minn uhud mill-konvenuti l-ohra u l-attur, li kienu jmorru kontra dak miftiehem bejn mhux biss bejn il-partijiet fl-istess skrittura izda bejn l-entwali koncessjonarji jew vendituri.

Illi fil-fatt fix-xhieda tieghu l-konvenut Mallia spjega li l-konvenut John Mattei stess kien nfurmah li dawk li ffirmaw il-konvenju fl-1 ta’ Awissu 1990 (barra minn Victor Peralta noe) kienu ffirmaw minn wara dahru konvenji ohra ma’ l-attur biex jiehdu beneficcji akbar (a fol.214 tal-process). Fil-fatt illum dan kollu huwa kkonfermat mhux lanqas bix-xhieda ta’ l-istess Nutar Bonello, in-Nutar Pierre Cassar, u wkoll l-iskritturi datati 9 ta’ Awissu 1990 u 14 ta’ Awissu 1990 li ghalihom saret referenza f'din is-sentenza, skitturi li certament jattakaw il-validita’ ta’ l-iskrittura ta’ l-1 ta’ Awissu 1990 anke ghaliex l-istess skrittura ma’ tapplikax

fil-konfront tal-partijiet kollha, tant li whud minnhom emendaw minghajr il-kunsens tal-partijiet l-ohra, fosthom l-konvenut Maichael Mallia *et nomine* u Victor Peralta *nomine* u l-avendi kawza tieghu. Kien ghalhekk li meta Mallia avza lid-diretturi/azzjonisti tas-socjeta’ minnu rappresentanta huwa hass ruhu defrawdat u gie deciz li da parti taghhom il-konvenju ma jigix ezegwit.

Illi fil-5 ta’ Settembru 1990 kitiblu n-Nutar Bonello biex jinfurmah li kien ircieva bil-posta Bank Draft f’ismu ghal hamest elef lira Maltin (Lm5,000) li hu kien se jiddeposita fil-*clients’ account* tieghu. Il-konvenut irrispondih fis-6 ta’ Settembru 1990 u avzah li l-kumpanija ma kellha ebda intenzjoni tikkonkludi l-bejgh. Sussegwetement fil-25 ta’ Settembru 1990 ircieva bank draft bhala sehem tal-kumpanija mill-hlas ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000) ghan-nom ta’ Paul Gauci li pero’ x-xhud baghtu lura (a fol. 216 tal-process). Fit-8 ta’ Ottubru 1990 giet depozitata cedola ta’ depozitu.

Illi ghalhekk jirrizulta llum bhala fatt li l-familja Mattei u l-attur marru ghand Nutar iehor, in-Nutar Pierre Cassar sabiex jiffirmaw skrittura ohra li mmodifikat il-konvenju originali datat l-1 ta’ Awissu 1990 u dan billi gie miftiehem li c-cens fir-rigward is-sehem tal-ahwa Mattei kellu jinfeda dakinhar tal-kuntratt finali u bil-prezz miftiehem, u dan kollox kif fuq gja gie indikat; min-naha l-ohra l-aventi kawza ta’ Yolanda Smith marru wkoll quddiem in-Nutar Pierre Cassar u ffirmaw skrittura mal-attur fejn alteraw u emendaw il-konvenju datat 1 ta’ Awissu 1990. F’dan il-kaz ic-cens spettanti lilhom kellu jinfeda mill-attur sa zmien gimgha mill-att relattiv tat-trasferiment notarili.

Illi hawnhekk huwa opportun li ssir referenza ghal dak li gie miftiehem originarjament fil-konvenju datat 1 ta’ Awissu 1990. Il-klawzola numru 2 kienet tipprovdi s-segwenti: -

*“The above mentioned annual and perpetual groundrent of ten thousand two hundred and fifty Maltese Liri (Lm10,250) must be redeemed by the grantees not later than ten (10) years latest from the relative date of deed,*

*with the capitalization thereof at the rate of five per centum (5%) if the said ground-rent is redeemed, in whole or in part, as hereunder specified, if such redemption is made within five (5) years from the said date of deed, and with the capitalization thereof at the rate of four per centum (4%), if the said groundrent is redeedmed, in whole or in part, as hereunder specified, if such redemption is made within the last five (5) years of the said ten (10) year period. In case the said annual perpetual groundrent of Lm10,250 is not redeemed within the said time limit of ten (10) years from date of deed, the land abovedescribed will revert automatically to the grantors, without any compensation whatsoever being due by the grantors to the grantees;"*

Illi ma' hemm l-ebda dubju li b'tali skritturi tad-9 ta' Awissu 1990 u tal-14 ta' Awissu 1990 il-ftehim ta' l-1 ta' Awissu 1990 kien gie emendat u certament li dan sar kollu min wara dahar il-konvenuti Micahel Mallia *et nomine* u Victor Peralta *et nomine*. Illi l-fatt innifsu li l-partijiet koncernati marru ghand Nutar differenti wkoll juri n-nuqqas ta' *buona fede* min-naha taghhom. Mhux kulhadd kien infurmat u involut tant li s-socjeta' konvenuta u Victor Peralta gew eskluzi minn dan kollu u dan sar anke fil-kuntest li l-prezz miftiehem fl-iskritturi addizzjonali kien aktar vantaggjuz minn dak li kieku c-cens kellu jinfeda skond il-konvenju originali (vide nota ta' sottomissjonijiet noe a fol.327-328 tal-process) u ghalhekk din il-Qorti thoss li dan fih innifsu jrendi null u bla effett l-imsemmija skrittura ta' l-1 ta' Awissu 1990 kemm ghaliex din l-istess skrittura ma' tifformax ftehim bejn il-partijiet kollha fiha hemm imsemmija u dan anke ghaliex partijiet ffirmatarji tal-istess skrittura qablu bi skritturi ohra kondizzjonijiet differenti minn dawk stipulati fl-istess skrittura ta' l-1 ta' Awissu 1990, u dan kif jidher almenu mill-iskritturi datati 9 ta' Awissu 1990 u 14 ta' Awissu 1990, u wkoll ghaliex jidher car li dan sar kollu *in mala fede* u bi frodi u dannu ghas-socjeta' konvenuta, u l-konvenut Victor Peralta u l-avendi causa tieghu.

Illi l-**artikolu 981 tal-Kap 16** jippreskrivi li l-eghmil doluz huwa motiv ta' nullita' tal-ftehim, meta l-inganni

maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali li minghajrhom il-parti l-ohra ma kinitx tikkuntratta. Izda l-istess artikolu jkompli jghid li dan l-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi ppruvat.

Illi fl-ewwel lok jinghad li fis-sentenza **"G. Germani Mifsud et noe vs Chierico F. Bonnici"** (A. K. 4 ta' Gunju 1910 – Vol.XXIC.ii.63) il-Qorti tenniet li: -

*"… e' mestiere osservare che ogni uomo savio e prudente, prima di fare una promessa, deve prendere le necessarie cautele esatte dal proprio interesse, e se egli non le ha prese, la legge non gli deve ne' protezione ne' difesa "Leges vigilantibus prosunt" imperocche' se cosi non fosse, la stessa mala fede trarrebbe profitto dalla facilita' di far rescindere le convenzioni, per esimersi dall'obbligo di rispettare i patti che sarebbero i piu' legittimi."*

Kif ukoll:-

*"Se non e' stata impiegata una scaltrezza ed un artifizio riprovato dall'onore per cui anche un uomo accorto sarebbe caduto nel laccio tesogli, il tribunale non puo' asoltare la voce di colui che non puo' la slealta' altrui senza gettare sopra se' stesso la taccia di spensierato ed imprudente, quando la sua cieca ed incompatible fiducia poteva molto facilmente essere istruita."*

Illi skond is-sentenza **"N. Dimech vs Nobbli Markiz N. Zimmermann Barbaro et"** (A. K. 7 ta' Dicembru 1935 – Vol.XXIX.ii.832) mhux kwalunkwe ngann ta' kontrajent wiehed ghad-dannu ta' l-iehor jammonta ghad-*dolo* rikjest mill-ligi bhala motiv ghall-annullabilita' ta' kuntratt. L-ingann irid ikun tali li ma jhallix lill-kontrajent ingannat il-kuxjenza ta' dak li kien qieghed jaghmel u l-indipendenza tal-kunsens tieghu; u tali wkoll li minghajru ma kienx jikkuntratta. Id-*dolo* jipproduci l-izball u dana jrid ikun invincibbli. Ukoll inghad li bhalma mhux kwalunkwe skaltrezza prattikata ghad-dannu ta' haddiehor taqa' taht is-sanzjoni tal-ligi, hekk ukoll mhux kull kredulita' zejda taqa' taht il-protezzjoni taghha.

Illi *inoltre* fis-sentenza **"E. Sciberras vs Nobbli N. Zimmermann Barbaro"** (A.K. 13 ta' Frar 1946 – Vol,XXXIIC.ii.223) il-Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

*"Illi, kif josserva l-Baudrey, l-annullabilita' ta' kuntratt bazata fuq ghemil doluz tissuponi wkoll l-izball li waqa' fih il-kontraent li jaghmel l-istanza ta' l-annullament minhabba l-ghemil doluz ta' l-iehor; imma b'din id-differenza, illi mentri l-izball, bhala motiv per se' indipendentement mill-ghemil doluz, hemm bzonn li jaqa' fuq is-sustanza tal-haga, invece l-izball effett tal-ghemil doluz ma hemmx bzonn li jaqa' fuq is-sustanza tal-haga (ara loc. Cit. Pg 160, para 117). L-istess jghid il-Laurent (Principi Dto.Civ. Vol.XV.p.463 para.522) bil-kliem '…… il dolo e' sufficiente anche quando l'errore che dal medesimo risulta non e' sostanziale".*

*"Illi kif josserva Laurent (loc.cit.para 524) 'ogni vizio del consensio e' individuale e deve esere valutato dal punto di vista della persona che contratta. Il magistrato deve mettersi al posto di quella per determinare l'influenza che i fraudolenti raggiri hanno potuto esercitare sull'animo di lui…'.L-istess ighid il-Planiol "Dol civil et dol criminal" no.37,pag.571, u l-Baudrey, loc.cit.para.103, bil-kliem:- 'Per conseguenza, nel valutare i fatti che lo costituiscono, dobbiamo chiederci se la persona che ha acconsentito fosse piu' o meno intelligente, se date le circostanze fosse piu' o meno facile ingannarla'."*

*"Illi r-ricerka jekk l-ghemil doluz kienx kif ghall-finijiet ta' din l-azzjoni hemm bzonn li jkun, jigifieri determinanti, hija wahda ta' fatt, li ghandha tigi meqjusa fic-cirkustanzi partikolari ta' kull kaz. Id-distinzjoni antika bejn ghemil doluz 'causam dans contractui' u ghemil doluz 'incidens in contractum' hija ormai skartata in vista tal-lokazzjoni tal-ligi. Il-Laurent jikkritikaha (loc.cit.para. 523, pg 464). Ir-Ricci hu ferm car fuq dan il-punt, u fil-kumment tieghu ghall-artikolu korrispondenti tal-Kodici Taljan, li hu identiku ghal dak Malti, jghid hekk:- 'Perche' il dolo produca la nullita' del contratto deve esere tale che senza di esso*

*non avrebbe avuto luogo il contratto. Questo criterio, adottato dal nostro legislatore ha bandito dal diritto patrio le sottili distinzioni che la scuola faceva tra dolo positivo e negativo, tra dolo principale e incidente. Al giudice chiamato ad applicare l'articolo 1115 poco deve interessare se il dolo siasi posto in essere con atti positivio negativi, se esso abbia avuto luogo prima di iniziare le trattative del contratto durante il corso delle medesime, o se l'inganno sia caduto su cio' che e' principale, ovvero su quello che e' accessorio; una sola indagine esso e' chiamato a fare, e questa consiste nel vedere se, ove dolo non vi fosse stato, la parte ingannata avrebbe oppur no conchiuso il contratto……".*

Illi abbazi ta' dawn il-principji kif elenkati fid-diversi sentenzi, din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-komportament ta' whud mill-konvenuti verament kien agir frawdolenti li gie ppruvat mill-konvenuti Mallia u Peralta. L-istess konvenut iddikjara li huwa qatt ma kienu se jaccettaw li xi hadd jiehu aktar mill-ohrajn (a fol. 217 tal-process) kif kien se jigri li kieku l-konvenju u l-iskritturi gew iffirmati.  Huwa ovvju wkoll li l-istess skritturi kollha imsemmija ma jistawx joqghodu flimkien u fil-fatt l-ahhar skritturi jghidu li qed jemendaw il-ftehim ta' l-1 ta' Awissu 1990 u dan fih innifsu jrendi l-istess skrittura mertu ta' l-azzjoni adjerna bhala nulla u bla effett.

Illi apparti dan jidher li l-manuvri kollha saru mhux biss kontra kull ftehim li kellhom quddiemu u bejniethom l-prospettati koncedenti, izda l-iskritturi tad-9 ta' Awissu 1990 u ta' l-14 ta' Awissu 1990, saru minn wara dahar l-istess konvenut Peralta *nomine* u tal-konvenuti Michael J. Mallia *et nomine*, bil-partecipatzzjoni ta' l-attur stess, u ma' hemm l-ebda dubju li dan kollu sar bi frodi ta' l-istess konvenuti eccipjenti, tant li jirrizulta li l-istess skritturi hawn imsemmija kienu varjaw sostanzjalment id-dhul ta' whud mill-firmatarji kif in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut Mallia tikkonferma a fol. 327 *et sequitur* tal-process.  Dan huwa rifless fl-iskritturi nnifishom u wkoll mid-dokument Dok. "PG 1" a fol. 311 tal-process.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda u filwaqt li tiddikjara li l-iskrittura ta' l-1 ta' Awissu 1990 hija nulla u bla effett minhabba r-ragunijiet fuq premessi nkluz li hija affetta minn frodi ghad-dannu tal-konvenuti Victor Peralta *nomine* u l-konvenut Michael J. Mallia *et nomine*, tilqa' t-tieni u r-raba' eccezzjoni ta' l-istess konvenuti hawn imsemmija u t-tielet u l-hames eccezzjoni tal-konvenuti s-socjeta' Whitewood Limited kif hawn rappresentata u ta' Edward Cassar Torreggiani.

Illi fl-ahharnett din il-Qorti tirreferi ghax-xhieda tan-Nutar Mario Rosario Bonello datata 9 ta' Frar 2000 minn fejn jirrizulta li kienet saret skrittura ohra bejn Yolanda Smith u wliedha biss fl-14 ta' Awissu 1990, u fejn l-istess Nutar jghid li d-Dokument "FGC 6" li hija l-iskrittura datata 14 ta' Awissu 1990, (fol. 261) *"t-tfal ta' Yolanda Smith u l-attur alteraw il-konvenju originali tal-1 ta' Awissu 1990. It-trasferiment u cjoe' il-kuntratt ta' trasferiment tas-sehem Yolanda Smith lill-uliedha kien sar fit-30 ta' Ottubru 1990".* Dan ikompli jikkonferma l-konkluzzjonijiet hawn raggunti permezz ta' din is-sentenza.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi ,** billi filwaqt li tilqa' t-tieni u r-raba' eccezzjonijiet tal-konvenut Victor Peralta *nomine* u tal-konvenut Michael J. Mallia *et nomine* u t-tielet u l-hames eccezzjoni tal-konvenuti s-socjeta' Whitewood Limited (kif hawn rappresentata minn Dr. Louis Bianchi) u tal-konvenut Edward Cassar Torreggiani **tichad it-talbiet attrici** *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez kollha a karigu tal-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------